## Protezzjoni u l-Privatezza tad-*Data*

Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità tiġbor u tipproċessa kull tip ta' informazzjoni relevanti personali biex b'hekk tkun tista' tipprovdi s-servizzi tagħha lil dawk l-individwi li jikkwalfikaw għalihom. Dan isir sabiex jiġu fis-seħħ il-funzjonijiet tiegħu taħt il-leġiżlazzjoni Maltija u Ewropeja.

Informazzjoni personali hija ipproċessata skont ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data* (EU) 2016/679 (GDPR) u skont l-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-*Data* (Kap. 586.). Din it-tip ta' informazzjoni tista' tiġi maqsuma ma' dipartimenti oħra u/jew awtoritajiet f'forma elettronika jew manwali li huma relatati direttament mal-funzjonijiet li b'xi mod jew ieħor għandhom x'jaqsmu ma' Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità. B'hekk l-informazzjoni sottomessa mill-individwu, tiżgura l-eżattezza tagħha skont ir-rigward tat-talba, u mhux ser tkun qed tiġi maqsuma ma' terzi persuni ħlief jekk obbligat skont il-liġi.

Tista' titlob bil-miktub biex tiġi nfurmat fuq kull informazzjoni personali li tiġi miżmuma dwarek, u tbiddel jew tħassar informazzjoni skorretta. Din it-talba għandha tiġi ndirizzata lil "Kontrollur ta' *Data*", Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità, FXB Building, Triq l-Imdina, Qormi QRM 9014 jew permezz ta' imejl lil dpdaacc.mfcs@gov.mt u azzjoni xierqa tittieħed kemm jista' jkun malajr. Meta tikteb f'dan ir-rigward, jekk jogħġbok niżżel in-numru tal-karta tal-identità tiegħek, ismek, l-indirizz, kif ukoll xi dokumenti oħra li jistgħu jkunu meħtieġa biex nidentifikaw il-każ tiegħek.